

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

KUMMISSJONI

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ COMP/M.4728 — Red & Black/Valentino Fashion Group)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura simplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/C 141/15)

1. Fid-19 ta' Ġunju 2007, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' proposta ta' konċentrazzjoni skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża undertaking Red & Black Lux S.À R.L. ("Red & Black", il-Lussemburgu) ikkontrollata mill-fond Permira IV ("P IV", Guernsey, iċ-Channel Islands), li min-naħa tagħha hija kkontrollata minn Permira Holdings Limited ("PHL", Guernsey, iċ-Channel Islands) takkwista, fit-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll ta' Valentino Fashion Group S.p.A. ("Valentino Group", l-Italja), permezz ta' akkwist ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali ta' l-impriżi kkonċernati huma:

— Għall-impriża PHL: investiment f'kumpaniji f'kull stadju ta' żvilupp u f'setturi differenti tas-suq.

— Għall-impriża Red & Black: impriża *ad hoc* stabbilita għall-għanijiet ta' l-operazzjoni.

— Għall-impriża Valentino Group: kumpannija *holding* ta' grupp ta' impriżi attivi l-aktar fid-diżinjar, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni bl-ingrossa ta' ħwejjeġ ta' lussu u aċċessorji relatati tan-nisa u ta' l-irġiel.

3. Wara analiżi preliminari, il-Kummissjoni jidhrilha li l-operazzjoni notifikata tista' tiġi kkunsidrata fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċiżjoni aħħarija dwar dan il-punt hija riżervata. Skond l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skond il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi interessati sabiex iressqulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Dawn il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 jjiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-fax (fax nru (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.4728 — Red & Black/Valentino Fashion Group, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni,
Reġistru ta' l-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussel

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

⁽²⁾ ĠUC 56, 5.3.2005, p. 32.